# TRIBJUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1501

Kaz Nru. 1771

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Kenneth Debattista

u

Steel and Fence Limited (C22115)

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Illum it-Tnejn 26 ta' April 2004

**Chairman : Is-Sur Alphonse Caruana**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie rriferit lit-Tribunal Industrijali permess ta' Dikjarazzjoni ta' Kenneth Debattista pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri datata 22 ta' Mejju 2003 minn l-Avukat Carlo M. Vigna LL.D. fejn qed isostni li t-tkeccija ta' l-Appellant mill-impieg mas-socjeta ntimata ma saritx ghar-raguni valida skond il-ligi u ghaldaqstant talab li l-kaz tieghu jinstema minn dan it-Tribunal.

Kenneth Debattista li ghalieh qed jidher l-Avukat Carlo M. Vigna LL.D. aktar 'l quddiem jissejjah l-Appellant. Steel and Fence Limited (C22115) li ghaliha qed jidher is-Sur Mario Attard assistit mill-Avukat Luigi A. Sansone LL.D. aktar 'l quddiem tissejjah is-socjeta.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-Istqarrija tal-Kaz l-Appellant iddikjara li beda jahdem mas-socjeta fis-sena 2000. Illi permess ta' ittra datata 25 ta' Jannar 2003, liema ittra inghatat lill-genituri ta' l-esponent minn Mario Attard, *Managing Director* tas-socjeta, gie informat li l-impieg tieghu kien ser jigi tterminat b'effett mill-21 ta' Frar 2003. Ir-raguni li nnghatat mis-socjeta ntimata kienet abbazi tas-sitwazzjoni finanzjarja prekarja. L-Appellant kien l-uniku li gie tterminat l-impieg tieghu. Ma jhossux konvint li r-raguni moghtija mis-socjeta hija wahda vertiera.

Jissottometti li fi kwalunkwe kaz hu ma kienx l-ahhar persuna li giet impjegata, anzi kien hemm persuna ohra li fil-fatt giet impjegata warajh fl-istess grad tieghu.

Is-Socjeta fl-Istqarrija tal-Kaz tghid illi l-Appellant gie tterminat fuq il-bazi ta' *redundancy* skond il-ligi. Is-socjeta tikkontendi illi abbazi ta' *lack of work* gie tterminat ukoll impiegat iehor (Philip Debono *experienced welder*) fil-31 ta' Dicembru 2002 li kien fuq bazi ta' impieg *part-time.* Tikkontendi illi gew segwiti l-proceduri kollha skond il-ligi inkluza r-regola ta' *last in first out* kif ukoll ma hemmx persuna ohra li giet impjegata mis-socjeta wara l-Appellant fl-istess grad tieghu.

**Xhieda**

Xhedu s-segwenti Sinjuri: Mario Attard, Direttur, Dr. Pierre Mallia M.D., Carmen Debattista, omm l-Appellant, Alfred Debattista, missier l-Appellant, l-Appellant, Kenneth Debattista li ta x-xhieda tieghu bl-ghajnuna ta' l-Interpretu Ms Damaris Fenech, Lawrence Gatt, Philip Debono, Sandro Azzopardi u Twanny Azzopardi.

**Provi**

Is-Sur Mario Attard, *Direttur* irrelata kif topera s-socjeta li hi bbazata principalment fuq zewg sistemi, xoghol ta' xibka fejn hemm certu uzu ta' makkinarju u xoghol ta' hadid fejn hemm esperjenza ta' *"welding, ferro-battuto, lavorazzjoni"* u affarijiet simili. Hemm sezzjoni fejn ix-xogholijiet huma ta' *"galvanizing"* u dan ikun irid jitnaddaf manwalment. F'din l-*area* tpogga l-Appellant fis-sens li minhabba li jbati minn nuqqas ta' smiegh u abilta li jitkellem ma tantx tista' zzommu f'xi "production line" Minn meta spicca l-Appellant mill-impieg sa llum gie impiegat wiehed biss, Lawrence Gatt li ghandu kariga ta' *"experienced welder"*.

Is-socjeta li qabel kienet tal-barranin illum tinsab kollha lokali propjeta assoluta tas-Sur Mario Attard. Is-socjeta li hi wahda zghira b'tmien impjegati dejjem kellha xoghol regolari, gara li fl-ahhar sena x-xoghol naqas drastikament tant illi kienet l-ewwel sena li ghamlu telf, dana kollu hu spiegat fl-*accounts*.

Is-Sur Attard qal li kien gie avvicinat mill-ETC biex ihaddem lill-Appellant; qabel ma accetta li jimpjegah ried jara fejn jista' jallokah biex ikun cert li ma jkunx taht xi perikolu. Meta ddiskuta dan il-punt mal-*Manager* tieghu gie deciz li jitpogga fit-tindif ghalieh wahdu. Ir-responabilta li thaddem bnediem f'fabrika kollox xoghol tal-hadid hi kbira meta l-Appellant ma ghandux mezz ta' komunikazzjoni naturali.

It-tabib tal-familja ta' l-Appellant Pierre Mallia M.D. xehed dwar ic-certifikat mediku li kien ghamel fl-1 ta' Ottubru 2001 fejn kien gie ccertifikat li l-Appellant kien qed ibghati minn sintomi ta' *"Gastritis and irritable bowel which is being caused by plastic fumes from spray-gun he uses at work'* It-tabib qal li kien ilu zmien twil tabib tal-familja u jikkura lill-Appellant. Meta

irrisponda dwar dak li kiteb fic-certifikat mediku sostna li wara li jkun ezamina lill-pazjent hu joqod fuq dak li jghidlu.

L-Appellant permess ta' Ms. Damaris Fenech li ghamlitha ta' interpretu tas-smiegh ghall-Appellant spiega fix-xhieda tieghu kif kien ix-xoghol tieghu billi juza is-*sandpaper,* juza *driller* biex jaghmel toqob fil-hadid, ibajjad b'zebgha li ghandha gass veru qawwi, jirrombla xi tipi ta' *wire* u illi habib tieghu kien ghalmu kif juza *"spray gun".*

Il-habib Philip li kunjomu ma jafux ghallmu kif fil-fatt juza l-"i*spray gun".* Mistoqsi jekk is-Sur Attard kienx jaf li kien qed jaghmel dan ix-xoghol, qal li iva kien jaf. Meta rega gie mistoqsi qal li Sandro kien ghalmu kif juza l-*"ispray gun".* Qal ukoll li wara li tkecca dahal minfloku Lawrence Gatt u dan Gatt kien rah juza l-"ispray gun" idawwar xi hadid u jahdem bis-*sandpaper.* L-Appellant sostna li Gatt jaghmel l-istess xoghol li kien jaghmel hu.

Is-Sur Mario Attard, *Direttur,* cahad kategorikament li qatt ma ta' struzzjonijiet lill-Appellant biex jisprejja u jekk sprejja, sprejja kontra l-ordnijiet tieghu.

Is-Sur Lawrence Gatt xehed li xogholu jiwweldja, jahdem fil-hadid u jfassal. Mistoqsi x'kien jaghmel l-Appellant qal li kien inaddaf xoghol iggalvanizzat li jigi mid-*Dockyard* inadfu mill-bocci u jizboh bil-pinzell. Qal li qatt ma ra lill-Appellant jisprejja jew jiwweldja.

Is-Sur Philip Debono xehed illi kien jahdem *part-time* mas-socjeta bhala *welder,* mistoqsi jekk qattx ra lill-Appellant jisprejja jew jiwweldja qal li qatt ma rah.

Is-Sur Sandro Azzopardi xehed li jahdem fuq il-magna u jisprejja wkoll. Lill-Appellant kien jarah jobrox ix-xoghol tal-hadid li jigi mid-*Dockyard* juza s-

*sandpaper* u jizboh bil-pinzell. Qatt ma rah jisprejja jew jiwweldja. Qal li darba siehbu Twanny Azzopardi li hu *sprajjer* kien ghajjatlu fil-kamra tal-i*spray* u kien gieghlu jipprova jisprejja bicca hadida. Meta qabad l-*ispray gun* f'idu u ghafasha biex jisprejja baqa' jaghfasha fuq l-istess naha u beda jcarcar l-i*spray* u waqffu. Dik kienet l-unika darba.

Is-Sinjura Carmen Debattista, omm l-Appelllant, xehdet illi meta kienu marru l-ewwel darba s-socjeta, s-Sur Mario Attard kien qallhom li se jghallmu kollox u t-tifel qalet li kien jghamel kollox. L-omm xehdet li kien beda jghatieh l-*ispray* u beda jugghu l-istonku tieghu u fil-ghodu kien iqum jomhot ahdar u kienet kelmitlu lit-tabib. Kemm ilu ma jahdimx hemm ma qabdux izjed. Qalet ukoll li meta t-tifel (l-Appellant) kien imur id-dar kien ikollu rieha taqsam fuqu.

Is-Sur Alfred Debattista, missier l-Appellant, xehed li meta dahal jahdem mas-socjeta, s-Sur Mario Attard kien qal lilu u lill martu, li t-tifel "nghallmuh, xejn m'hu difficli jew ha jitghallem kollox f'daqqa, imma jitghallem maz-zmien" Ix-xhud sostna li kien bl-"understanding" li ha jkun "a skilled person".

Is-Sur Twanny Azzopardi mpjegat mas-socjeta minn 1990 xehed illi xoghol l-Appellant kien inaddaf il-*galvanizing* qabel ma jigi sprejjat. Qal li fejn kien jahdem l-Appellant kien vicin fejn ihalltu l-i*spray;* kien staqsieh jekk jafx jisprejja u rrisponda li jaf. Tah jipprova u ra li teknika ma ghandux, kienet prova ta' darba, hames minuti kollox.

Dr. Pierre Mallia M.D., xehed illi kien iccertifika lill-Appellant, liema certifikat hu mmarkat "Dok. 4" fejn qal hekk: "To certify that Mr. Debattista has symptoms of Gastritis and Irritable Bowel which is being caused by plastic fumes from spray gun he uses at work. I advised him to ask that he be transferred to another section" ix-xhud qal li l-familja Debattista ilhom pazjienti tieghu snin u l-Appellant kien dejjem imur ghandu ma ommu ghax

hi l-interpretu tieghu. L-Appellant kien jallega ghal dak li kellu li dana kien gej peress li kien juza l-"ispray gun" kien jibla' l-"fumes" u wara jkun hazin u minhabba f'hekk, "there was a direct cause". Qal ukoll li hu ma jkunx mieghu fuq ix-xoghol pero naturalment bhala pazjient tieghu jafdah.

**Kunsiderazzjonijiet**

L-Appellant beda jahdem mas-socjeta fis-sena 2000 u spicca mill-impieg fil-21 ta' Frar 2003, ir-raguni li tghatu s-socjeta kienet li ghandha sitwazzjoni finanzjarja prekarja. Minn naha tieghu l-Appellant argumenta li t-tkeccija tieghu ma kienetx gusta ghaliex warajh l-istess socjeta dahhlet impiegat iehor u ghalhekk ma kellux jigi tterminat l-impieg tieghu.

Matul is-smieh tal-kaz l-Appellant ressaq diversi ragunijiet li huma dwar sahtu, li kien ibghati minn irwejjah ta' *spray* u nuqqas ta' ilbies protettiv. Kaz importanti hafna tressaq dwar xoghol li kien jahdem bi *spray gun* liema xoghol ghal persuna tal-kwalita ta' l-Appellant huwa ta' periklu sew minhabba sahtu u wkoll peress li hu jbghati minn dizabilita ta' nuqqas ta' smiegh u ta' komunikazzjoni.

Is-Sur Mario Attard, *Direttur u Propretarju,* tas-socjeta sostna illi hu qatt ma qallu biex jahdem bl-*ispray gun* u l-anqas qal lil haddiehor biex jghidlu jahdem hekk. Assolutament ma kienx iridu li jkollu x'jaqsam ma dan il-kwalita ta' xoghol sew bl-*ispray gun* jew *welding*. Xhiedu l-kollegi tieghu li huma Lawrence Gatt, Philip Debono, Sandro Azzopardi u Twanny Azzopardi; kollha qalu li qatt ma raw lill-Appellant jahdem bl-*ispray gun* jew jiwweldja, kienu jarawh inaddaff il-hadid bis-*sandpaper* u jizboh bil-pinzell. Kien Twanny Azzopardi li xehed illi kien staqsieh jekk jafx jisprejja u l-Appellant qallu li jaf, kien tah jipprova l-i*spray gun* u mill-ewwel induna li ma ghandux teknika. Kienet darba biss ta' hames minuti kollox.

L-Appellant sostna illi hu ma kellux jitkecca ghax warajh kien dahal iehor, Lawrence Gatt. Irrizulta mix-xhieda illi Lawrence Gatt dahal wara l-Appellant biex jghamel xoghol differenti minn dak ta' l-Appellant li huwa *welding*, jahdem fil-hadid u jfassal. Dan hu fatt evidenti illi ghalkemm Gatt dahal wara l-Appellant ix-xoghol tieghu ma hux l-istess xoghol li kien jghamel l-Appellant.

Is-socjeta kecciet lill-Appellant fuq *redundancy* u wkoll minhabba sitwazzjoni finanzjarja prekarja. Dan kien l-argument principali li resqet is-socjeta matul is-smiegh tal-kaz. Il-punti l-ohra mresqa mill-Appellant kollha gew mistharga u evalwati fl-ambitu taghhom.

It-Tribunal Industrijali wara li ezamina dak kollu li ntqal mix-xhieda, josserva illi s-suggett principali tal-kaz kien jekk hix iggustifikata t-tkeccija ta' l-Appellant fuq bazi ta' *redundancy* skond il-ligi u jekk kienx verament l-ahhar wiehed. Minhabba l-kundizzjonijiet personali, l-Appellant kien gie mpjegat biex jghamel kwalita ta' xoghol li jkun imbieghed mill-periklu. L-impjegat li dahal wara l-Appellant, Lawrence Gatt, gie mpjegat biex jghamel xoghol li l-Appellant ma kienx jghamlu. It-terminu "last in first out" ma jistghax jigi mehud b'mod generali, irid jigi ezaminat jekk min dahal wara dahalx fl-istess kategorija jew grad ta' xoghol. Is-socjeta kienet f'istat finanzjarju difficli; kienet dik l-ewwel sena li kien hemm telf finanzjarju. Minn wara t-tkeccija ta' l-Appellant ma jirrizulta li dahal hadd biex jghamel ix-xoghol li kien jghamel l-Appellant.

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali ra l-Istqarrijiet tal-Kaz tal-partijiet, ra d-dokumenti esebiti, sema' u ra x-xhieda prodotta u t-trattazzjonijet finali tal-partijiet, jaqta' u jiddeciedi illi l-tkeccija ta' l-Appellant mill-impieg kienet ghar-raguni gusta u sufficjenti skond il-ligi.

Ghal fini ta' Avviz Legali 48 ta' 1986, it-Tribunal qieghed jintaxxa d-drittijiet ta' kull persuna liassistiet fis-somma ta' erbghin lira Maltin (Lm40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Alphonse Caruana**
**Chairman**